MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 280/2005

**Mark (I.D. 530554M), Mark (I.D. 940548M), Eileen mart Jean Paul PAGNOUD (Nru. tal-passaport 444862), Christine (Nru. tal-passaport 521486) u David (Nru. tal-passaport 618459), lkoll aħwa AQUILINA**

**vs**

**Raymond DEBONO (I.D 326156M)**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Marzu, 2005, li bih l-atturi wara li ppremettew;
Illi l-atturi huma l-eredi ta' missierhom Francis Xavier sive Moses Aquilina illi miet fid-9 ta' Ottubru 2002;

Illi permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' April 2002 (Dok A), missier l-atturi silef lill-konvenut is-somma ta' għaxart elef Lira (Lm10,000) restitwibbli fit-28 ta' Ottubru

2002, bl-imgħax ta’ tmienja fil-mija fis-sena dekorribbli mid-29 ta’ April 2002;

Illi permezz ta’ skrittura privata oħra datata 27 ta’ Lulju 2002 (Dok B), missier l-atturi silef lill-konvenut is-somma ta’ għaxart elef u ħames mitt Lira (Lm10,500) restitwibbli inkwantu għal Lm3,500 sas-27 ta’ Novembru 2002, inkwantu għal Lm3,500 sas-27 ta’ Marzu 203 u inkwantu għall-bilanċ ta’ Lm3,500 sas-27 ta’ Lulju 2003, bl-imgħax ta’ tmienja fil-mija fis-sena dekorribli mis-27 ta’ Lulju 2002;

Illi permezz ta’ skrittura privata oħra datata 13 ta’ Settembru 2002 (Dok C), missier l-atturi silef lill-konvenut is-somma ta’ ħamest elef Lira (Lm5,000) restitwibbli fit-13 ta’ Marzu 2003, bl-imgħax ta’ tmienja fil-mija fis-sena dekorribli mit-13 ta’ Settembru 2002;

Illi l-konvenut ma ħallas xejn mill-flus lilu mislufa minn missier l-atturi permezz tat-tlett skritturi privati fuq riferiti u lanqas ħallas l-imgħax relattiv u dan nonostante l-fatt li ġie interpellat permezz ta’ ittra bonarja datata 12 ta’ Novembru 2003 u żewġ ittri uffiċċjali datati 2 ta’ Marzu 2004 u 29 ta’ Novembru 2004 (Dok D, E u F) rispettivament;

Illi għalhekk il-konvenut huwa debitur ta’ l-atturi fis-somma ta’ Lm25,500 oltre l-imgħax bit-8% fis-sena fuq kull somma mislufa mid-data ta’ l-iskrittura privata relattiva.

Għaldaqstant, l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi u dispensat is-smiegħ tal-kawża a tenur ta’ l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u *in vista* ta’ l-affidavit ta’ Martin Aquilina (Dok. G):

1. Il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta’ ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Lira (Lm25,500)

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta’ l-ittra bonarja tat-12 ta’ Novembru 2003 u ta’ l-ittri uffiċċjali tat-2 ta’ Marzu u tad-29 ta’ Novembru 2004 u bl-imgħax legali inkwantu għal

Lm10,000, mid-29 ta’ April 2002, Lm10,500 mis-27 ta’ Lulju 2002 u Lm5,000 mit-13 ta’ Settembru 2002, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvent li naqas li jippreżenta nota ta’ eċċezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda ta’ l-attur Martin Aquilina:

Semgħet l-Avukat ta’ l-atturi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------